**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 32 / 2021**

**Il-Pulizja**

**Spettur Kylie Borg**

**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**Daniele Aquilina**

Illum 1 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Daniele Aquilina ta' 19-il sena, iben Mary Rose Camilleri xebba Aquilina, mwieled Pieta' nhar 19 ta' Settembru 1993 u residenti gewwa l-Ghorfa, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 568393 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fit-28 ta' Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'

haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Andrea Guiga;

2. Fil-15 ta' Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Andrea Guiga u Raisa Fenech;

3. Fit-8 ta' Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Vodafone u/jew Andrea Guiga;

4. Fil-20 ta' Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin

euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Christian Borg;

5. Fl-4 ta' Lulju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Jessica Fenech;

6. Fil-10 ta' Lulju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Julianne Grima;

7. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

8. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

9. U aktar f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni bil-ghan li jaghmel reat;

10. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu, jew ghamel uzu, ikun xi jkun minn xi document tal-identita', meta ma kienx id-detentur tal-karta tal-identita' jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega tal-att dwar il-karta tal-identita' u dokumenti ohra tal-identita' jew ta' xi ligi ohra;

    U aktar talli gie fil-pussess tieghu xi document tal-identita' mahrug lil xi persuna ohra, u ma kkonsenjahx jew baghtu minnufih lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat;

11. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseuta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera nhar il-15 ta' Marzu, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aquilina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 euro bhala depositu u 20,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Edwina Grima LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz

ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aqulina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aqulina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. Finalment akkuzat li huwa sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminlai, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-11 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti li rat l-artikoli 18, 48 A, 49, 50, 183, 184, 308, 310 (1) (a), 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 22 (1) u 22 (2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan inkwantu ghall-imputazzjonijiet numri 1 sa tnax.

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet numri 13, 14 u 15 ikkundannat lill-hati ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf euro (€1,000). Il-hati qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur biex ihallas tali multa f'rati mensili. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' dan l-ammont jew parti minnu l-ammont dovut ghandu jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti taghzel li ma titrattax ma l-imputat inkwantu ghal ksur tal-ordni ta’ probation.

Il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest imsemmija fl-imputazzjonijiet numri 13, 14 u 15 u ghar-ragunijiet indikati cahdet it-talba wkoll ghall-konfiska tad-depoziti u garanziji personali.

Il-Qorti wissiet lill-hati bl-import tas-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija.

Ordnat notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Ordnat ukoll li kopja din is-sentenza u l-atti kollha jintbghatu lill-Avukat Generali.

Rat in-nota tad-denunzja tal-Probation Officer Svetlana Bezzina pprezentata fis-27 ta’ Dicembru, 2018, fil-konfront ta’ Daniele Aquilina.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tal-21 ta’ Jannar, 2021, fejn il-Qorti, wara li sabet li Daniele Aquilina naqas li joqghod ghad-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probation u naqas li jahdem bis-serjeta' biex jeghleb il-vizzju tad-droga, wara li rat l artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 18, 48 A, 49, 50, 183, 184, 308 u 310(1)(a)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 22 (1) u 22 (2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta trattat ma' Daniele Aquilina ghar-reati[1] li taghhom instab hati fil-11 ta' Jannar 2016 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif rrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija u dan inkwantu ghall-ewwel hdax-il imputazzjoni imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu. u ghas-sittax-il imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Inkwantu ghat-tnax-il imputazzjoni l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha billi huwa diga' gie trattat ghaliha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Daniele Aquilina minnu pprezentat tal-5 ta’ Frar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha tirriformha s-sentenza appellata billi, tikkonfermha fil-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi u cjoe t-tnax, tlettax, erbatax u l-

[1] Hlief ghal dak li se jinghad aktar l’ isfel.

hmistax l-imputazzjoni, u, thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe, l-ewwel hdax il-imputazzjonijiet u s-sittax l-imputazzjoni u tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha fil-parti ta` piena u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi, l-aggravvji mressqa f' dan l-appell jikkoncernaw l piena nflitta mill-Ewwel Qorti u cjoe illi, l-appellant kien trattat daqs li kieku ma kienx irrifonda lura lil vittmi l ammonti iffrodati lilhom u dwar zewgt okkazzjonijiet jew tlieta ghal ahhar perjodu tal-Ordni ta` Probation, naqas li jattendi appuntament ma Svetlana Bezzina, l Ufficcjal nkarigata sabiex ssegwieh;

L-appellant kif xhedet l istess Ms Bezzina, anka maghha dejjem kien sincier u cjoe' ammetta illi rega ha xi droga, anka in saputa illi din tista twasslu ghal denunzja kif fil fatt sehh.

L-appellant qieghed jissottometti dan l-appell sabiex jinghata cans jkompli kif diga beda process mal- OASI, Ghawdex fejn sur Chris Mercieca mill-istess agenzija qieghed jhejji rapport prevja d-dhul tal-appellant fl-istess facilita ta` rihabilitazzjoni. Kif inhi sall-lum il-gurnata l-prassi gewwa l Habs, l-appellant mhux possibbli ghalih jmur residenti l OASI u dan ghax biex jkun eligibbli jrid ma jkunx qieghed jservi sentenza ta` prigunerija;

Fid-decizjoni taghha fil-kawza **P vs Charles Spiteri**, [Appell: 87/2019 GMG], datat 13/6/2019, il-Qorti ta' l-Appell trattat kaz simili ghal l-appell odjern fejn id-denuzjat Spiteri intavola appell jilmenta minn piena harxa moghtija mill-Ewwel Qorti. L-kaz kien fuq serq, u fl-istess decizjoni l-Appell ikkancella u hassar piena ta` 12 il-xahar prigunerija, u naqqas l- piena ta` 28 xahar ghal wahda ta` 24 xahar prigunerija;

L-appellant esponent, kellu kaz ta` frodi fejn il-kwerelanti, ossia socjeta GO u Vodafone kienu gew iffrodati ammonti ta` flus mill-esponent. L-esponent hallas kollox lura liz-zewgt socjetajiet msemmija kif jirrizulta mill-process originali. Kien b hekk illi inghata Ordni ta` Probation b' terminu fejn kellu jattendi laqghat ma Svetlana Bezzina, l- ufficcjal li iddenunzjatu.

L-esponent jehtieglu jtella bhala xhud lil sur Chris Mercieca mill-OASI waqt trattazzjoni ta' dan l-appell, sabiex l Qorti tkun aggornata f hiex wasslet l-procedura tieghu l-esponent sabiex jkun ammess fl OASI, Ghawdex residenti;

Illi b'hekk tenut kont illi, l-esponent ghamel sforzi kbar sabiex jirrifondi lura eluf l euros lis-socjetajiet GO plc u Vodafone Ltd, u, attenda diversi drabi salv ghal ahhar tal-perjodu tal-Ordni ta` Probation ma attendiex laqgha jew tnejn mal-istess Ms Bezzina, jhoss illi l-piena ta` tmintax-il xaghar prigunerija hija wahda harxa, u dan meta kien hemm diversi decizjonijiet minn appelli dwar denunzji dwar ghoti ta' temperament fil-pieni nflitti mill-Qrati ta` Appell;

L-esponent konxju illi zbalja meta naqas li jottempra ruhu precizament mal-istruzzjonijiet moghtija fl-Ordni ta` Probation, jirrileva illi huwa wettaq dawn l-izbalji kagun il-problema li kellu dak iz zmienijiet, u li ghadu sall-lum il-gurnata jaghmel mezzi volontarji sabiex jkun accettat fl-OASI Ghawdex, ghal eventwali programm residenzjali li minnu l-esponent jittama li jkun mfejjaq darba ghal dejjem.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2021.

Ikkunsidrat.

Bl-appell odjern, l-appellant qed jimpunja din id-decizzjoni bis-segwenti zewg gravami: li qatt ma kellu jinghata tmintax-il xahar prigunerija bhala piena minkejja l-ammissjoni teighu fil-kaz fejn huwa ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-kwerelanti tant li rrrifonda lura dak li huwa iddefroda u isostni ukoll li l-piena inflitta ta' tmnintax-ilxahar prigunerija hija ecccessiva meta tikkunsidra li l-ufficcjal tal-probation iddenunzjat lill-appellant ghaliex ma attendiex ghal zewgt laqghat maghha

Huwa bil-wisq evidenti illi l-appell kwantu jolqot is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti kif minnha deciz fis-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar, 2021 ma jistghax ikun

konsiderat minn din il-Qorti ghaliex dak il-mertu ghadda in gudikat bin-nuqqas ta' appell li kellu jkun interpost, skond il-ligi vigenti dakinhar, fi zmien tmient ijiem tax-xoghol mill-prolazzjoni taghha.

Meta l-artikolu 21 tal-kapitolu 446 fis-subartikolu (2) tieghu jipprovdi ghas-setgha tal-Qorti li titratta mal-hati dwar nuqqas ta' ottemperanza ma' ordni ta' probation dan ikun qed jirreferi ghal-piena li tista' tkun erogata dwar ir-reat jew reati li l-imputat ikun gia kien misjub hati taghhom. Certament ma jfissirx li dik il-Qorti tista' terga' tisma' u tiddeciedi il-kawza *ex novo* kif donnu qed jistenna l-appellant odjern:

> *(2) Jekk jigi pruvat ghas-sodisfazzjoni tal-qorti, li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal il-hati ammenda …. jew tista titratta ma' min ikun taht probation, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' titratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.*

Dan il-provvediment huwa replikat fl-artikolu 23(1)(a) u (b) tal-istess Kapitolu;

Ghalhekk, la darba is-sentenza tal-11 ta' Jannar, 2013 ghaddiet in gudikat, mhux legalment possibbli li tkun attakkata b'appell interpost wara, u f'dan il-kaz xhur wara, permezz ta' appell dwar il-piena erogata minn dik il-Qorti meta trattat mal-hati ghall-ksur tal-ordni ta' probation. Ghalhekk ukoll din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju;

Fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta mill-piena erogata ta' tmitnax-il xahar prigunerija bl-argument illi din hija wahda eccessiva tenut kont li huwa kien sincier meta ta d-deposizjoni tieghu meta stqarr li kien baq; ghddej bil-vizju mishut tieghu t tehid ta droga u li kien gja irrifonda ura l-flu sl ikien iddefroda minghand l-kwrelanti. Dan ma hux kaz fejn l-ewwel Qorti ma gharfitx tapplika piena mill-aspett riformattiv taghha ghaliex ezami tal-atti processwali juri li minkejja li l-appellant inghta l-opportunita I jirriforma ruhu u jzomm il-boghod mit-tehid ta droga tant li innominate

ufficcjal tal-prpbabtion sabiex jassiti lill-appellant, l-appellant ma rregistra l-ebda kambjament pozittiv fl-attggjament tieghu quddiem l-ewwel Qorti;

Fit-22 ta' Jannar 2020 l-ewwel Qorti semghet d-deposizzjoni tal- **Ufficcjal tal-Probation Svetlana Bezzina** dwar din id-denuznja fejn jemergi illi hija kienet gja qed issegwi lil-appellant fuq Ordni ohra li kienet inharget fil-passat. Tispejga li mill-bidu tal-ordijiet kienu gew identifikati bosta problemi li l-appellant kellu jahdem fuqhom. Inetr alia kien hemm il-bzonn li jiehu responsabilita tal-imgieba tieghu ghax huwa naqas li jistabilizza ruhu b'impieg, jiehu decisjonijiet mghagla u ma tantx kien jikkonsidra l-ghemil tieghu. Tghid ukoll li l-appellant ammetta maghha li kien qed jghamel uzu mill-Kokaina ma kienx izomm kuntatt regolari mal-Caritas u anke imbagahd mas- Sedqa meta gie iggwidat biex jiehu l-ghajnuna tas- Sedqa.

Tghid li l-attendenza ta' l-appellant ghall-appuntamenti lanqas ma keinet wahda konsistenti tul iz-zmien. Eventwalment fis-sena 2016 tghid li l-appellant beda jinzamm fil-Facilita Korrettiva ta'Kordin dwar akkuzi li kienu jmorru lura ghal Lulju 2013. Kienet tmur izzuru bosta drabi u bdew jahdmu fuq l-motivazzjoni tieghu sabiex isesgwi programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga. Hemmhekk inghata ukoll ghajnuna dwar aspetti ohra tal-karattru tieghu ili kienu qed jghinu biex jinvolvi ruhu fi kriminalita.

Fil-11 ta' Dicembru, 2017 L-appellant beda isegwi programm residenzjali offrut mill-Agenzija Sedqa fi zmien li kien qieghed il-habs. Dak iz-zmien tghid li kellu motivazzjoni ghall-bidla ta' karatturu u kienet tinghata feedback posittiv dwaru. Eventwlament pero kien gie mibghut lura l-Facilita Korettiva ta' Kordin u dan ghaliex waqt li kien jaghmel perijodu fil-komunita f'dak iz-zmien kien jaghmel xi hin barra u meta jirritorna lura fil-progamm kienu sabuh posittiv ghas-sustanza illecita u kien ghalhekk li intbaghat lura l-habs mill-progamm.

Eventwalment imbaghad f'Awwissu 2018, kien gie rilaxjat mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin hekk kif kienet giet fi tmiemha s-sentenza karcerarja. F'dak l-istadju huwa gie spjegat l-importanza li jzomm l-kuntatt maghha sabiex xorta jircievi s-support u ma jintilifx dak kollu li kien ha min naha tal-programm. Madankollu huwa kien beda jitlef l-appuntamenti. Falla appuntament li kellu fit-22 ta' Awwissu, 2018,, appuntament li

kellu fit-13 ta' Settemrbu, 2018 minghajr ma kien ghamel kuntatt maghha. Imbaghad kien avzaha fl-20 ta' Settembru, 2018 li ma setax jiltaqa' maghha ghax kien hareg il-lejl ta' qabel. Fis-26 ta' Settembru, 2018 kien attenda ghal seduta maghha u kien ammetta li ma kienx qed ihossu tajjeb u li kien qed juza d-droga Kokaina b'mod regolari. Hija insistiet li izomm kuntatt mas-Sedqa pero l-kuntatt maghha kien qieghed inkonsistenti. Tikkonferma li t-testijiet li ttihdu tal-awrina tieghu taw rizultat posittiv ghall-presenza ta' Kokaina kemm fis-16 ta' Novembru, 2018 u fit-3 ta Dicembru 2018. Tghid li anke irrangat biex ikollu kuntatt ma psikologu fuq talba tieghu steess pero ghal darb ohra ma zammx tali apputamenti ghaliex l-appuntamenti tieghu mas-Sedqa ma kienux qed jinzammu b'mod regolari. Gie ukoll iffissat appuntament sabiex jara tabib min naha tas-Sedqa mill-istimulants clinic li huwa proprju clinic li jiehu hsieb fost ohrajn problemi relatati mat-tehid tal-Kokaina pero ma kienx attenda ghall-apputnamenti. Ghalhekk hasset li fid-dawl tal-fatt li l-problema tal-kokaina kienet ghadha hemm l-ordni kienet ser tigi fi tmien u dan ghaliex ma kienx qed jghamel l-almu tieghu biex jindirizza l-problemi tieghu u kien ghalhekk li pprezentat id-denunzja taghha.

In kontro esami tghid li it-tehid ta' droga ma hiex l-unika problema li ghandu l-appellant izda ghandu ukoll problema ghaliex jghix '*a life style beyond his means*'. Fil-fatt tghid li lanqas xoghol ma jzomm b'mod regolari u kien ghalhekk li l-appellant ma baqax kandidat idoneju

Fit-12 ta Frar 2020, l-Ufficcjal tal-**Probation Svetlana Bezzina** regghet xehdet u rraportat li ma kellheix akar kutnatt mal-appellant.

Fit-28 ta' Ottubru 2020, l-Ufficcjal tal-**Probation Svetlana Bezzina** regghet xehdet u qalet li fit-12 ta Frar 2020 meta xehdet il-Qorti l-appellant deher jiehu atitudni mhux daqstant tajba fi-konfront taghha u minkejja li spejgatlu ir-raguni ghaleix pprezentat id-denunzja taghha xorta ma sehrx liser jeihu responsabilita tal-azzjoni tieghu. Qaletl ifid-19 ta Ottubru 2020 kienghamel kuntatt maghha u qallha li kien qed jinzamm that arrest preventiv dwar akkuzi godda u li kellu bzonn l-ghajnuna sabiex jindirizza l-problema akuta ta' droga li huwa ghandu. Kienu ftiehmu jekk xtaqx l-ghajnuna tal Caritas jew tas- Sedqa f'dan ir-rigward. Qalet li kenet inharget ukoll Ordni Provisorja

ta' Supervizjoni fit-28 ta' Settembru, 2020 pero kien ser jigi assenjat ufficcjal tal-probation iehor dwar din l-Ordni l-gdida. Qalet li kien ammetta li mhux dejjem gharaf jibbenefika mill-ghajnuna li giet moghtija lilu. Qalet ukoll li minn meta pprezentat id-denunzja taghha l-appellant fetah kazijiet godda l-Qorti. Ikkonfermat li meta l-appellant ma ikunx fil- konfini ristretti ma jzommx kuntatt regolari maghha.

Rat ukolll ix-xhieda moghtija mill-appellant **Daniele Aquilina** quddiem l-ewwel Qorti nhar is-16 ta' Dicembru, 2020  u jghid li huwa kien gie denunzjat ghaliex ma marx ghall-laqgaht li kellu fissati mal-Ufficcjal tal-probation. Jghid pero li huwa ma marx ghalihom ghaliex kellu l-problema tad-droga  u kien qieghed hazin. Kien ghadu hiereg minn sentenza ta' sentejn habs u kien qieghed jizbalja. Qal li kien qieghed il-habs taht arrest u ma kienx pprezenta rikors sabiex jinghata bail ghaliex kien qieghed fuq *waiting list* mas Sedqa biex jghamel programm. Qal li kien ghamel kutnatt mas Sedqa minn jeddu. Qal li qed jistenna biex jinghata post u wara japplika li jkollu l-bail bil-kundizzjoni li jghamel programm. Qal ukoll I fil-passat kien gja beda l-programm izda kien sgarra  u rega mar il-habs  Qal li meta kien barra l-habs zbalja u rega beda jiehu d-droga. Qal li mal-ufficcjal tal-probabtion dejjem tkellem is-sewwa u cioe li ghandu l-vizzju tat-tehid tad-droga.

Illi f'dan il-kwadru, huwa bil-wisq evidenti illi meta l-ewwel Qorti qieghedet lill-appellant fuq ordni ta' probation u taghtu opportunita' tad-deheb biex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, l-appellant ma gharafx jisfrutta dik l-opportunita tant li l-Ufficcjal tal-Probation kellha tasal biex taghmel denunzja kontra tieghu li wasslet ghall-proceduri odjerni. Minkejja dan, l-ewwel Qorti xorta ghamlet aktar milli mistenni minnha meta semghet lill-Ufficcjal seduta wara l-ohra u ddiferiet il-kawza ghal diversi drabi sabiex l-appellant jgharaf jisfrutta ukoll dak iz-zmien biex isib direzzjoni sakemm waslet ghall-punt li qalet issa daqshekk u kienet konvinta li ma kellu ebda motivazzjoni biex jipprova jirriabilita ruhu.

L-appellant irnexxielu jitlef il-fiducja ta' min kien qed jaghmel minn kollox biex jghinu. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti tista' qatt tkun kritikata negattivament fil-konkluzzjoni taghha u li timpni piena karcerarja meta kient hi stress

li tatu l-fiducja taghha u kien l-appelant stress li ttradiha. Dan il-kapitolu fil-hajja tal-appellant jehtieg li jkun mghaluq.

Jigi rilevat li fiz-zmien meta intavolat l-appell ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena, l-appellant ma ressaq l-ebda raguni vlaida jew sostanzjata li tindika li l-appellant ghamel xi kambjament f'hajtu fir-rigward tal-problema ta' abbuz ta' droga u dan biex iwassal lil din il-Qorti in sostenn fil-kambjament ta' hajjet l-appellant li tbiddel l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ser ikun f'posizjoni ahjar li jindirizza l-problema tieghu ta' abbuz ta 'droga u dan bl-ghajnuna li tinghata minn gewwa l-habs tramite il-professjonisti li jinsabu jahdmu hemmhekk;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeda tikkonferma l-ewwel sentenza *in toto* kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bil-ghan li jghati l-ghajnuna tieghu sabiex jghin lill-appellant jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' tehid ta' droga.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef